# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M.,LL.D

Appell Nru: 120/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Albert Caruana**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Albert Caruana detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 192668M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Mejju, 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

A. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu

gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

B. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew kunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd il-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

C. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ikkommetta serq ta' medicina u oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija: tqis lill-imputat Albert Caruana bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula; barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti; tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Marzu, 2015, li biha sabet lill-appellat hati w ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' hames (5) xhur li minnhom kellu jitnaqqas iz-zmien illi huwa ghamel taht arrest u rrakomandat lill-Awtoritajiet kompetenti li jikkunsidraw l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab lil din

il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn l-appellat instab hati mill-akkuzi kollha migjuba kontrih, filwaqt li **tirrevoka** fil-bqija fis-sens li timponi piena fil-parametri tal-ligi u aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant Avukat Generali jillanja s-sentenza appellata bi tlett aggravji u cioe' l-applikazzjoni zbaljata tal-ligi kwantu l-piena erogata; li ma kienx hemm ragunijiet straordinarji sufficjenti sabiex l-Ewwel Qorti teroga piena anqas minn dik preskritta fil-ligi; u anke jekk dawn jitqiesu bhala tali d-differenza bejn il-minimu permissibbli mill-ligi f'dan il-kaz u l-piena mposta hija wahda eccessiva;

2. Minn ezami tal-atti processwali jemergi illi l-Pulizija kienet waslitilha informazzjoni li l-appellat, li huwa *nursing aid,* kien qed jippresta kura medika barra mill-isptar lill-persuna anzjana. Wara tfittxija fil-*locker* tieghu gewwa l-isptar u fil-vettura tieghu, instabu xi medicini u ghodod bhal pinzetti, suturi u *scalpels* li rrizultaw kollha proprjeta' tal-Isptar. Tfittxija fir-residenza ta' pazjent diabetiku rrizultat f'sejba ta' medicinali u strumenti provenjenti mill-isptar li izda ma kienx intitolat ghalihom u rrizulta ukoll li l-appellat kien jissoministra din il-medicina. L-appellat ma kienx

jithallas ta' dan, anzi kien jirrifjuta hlas, hlief li xi kull tant kien ikun b'insistenza tal-pazjent kompensat b'affarijiet tal-ikel;

3. Meta l-ewwel Qorti giet biex teroga il-piena deherilha li kellha taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet li qed ikunu hawn riprodotti:

*Izda dina l-Qorti, minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz, temmen illi hija ghandha tinzel taht il-minimu minhabba r-ragunijiet unici f'dan il-kaz. Dan nonostante illi dina l-Qorti qieghda ssib ukoll htija fl-akkuza ta' recidiva. Wiehed ghandu jirrimarka li dina l-kundanna precedenti kienet tikkoncerna serq ta' telefon cellulari ta' valur minimu li gie ritornat minnufih mill-akkuzat lill-parte civile.*

*Illi r-ragunijiet specjali ghaliex dina l-Qorti qieghda tinzel taht il-minimu a tenur tal-Artikolu 21 tal-Kaptiolu 446 huma s-segwenti:*

*Il-valur zghir tar-rifurtiva u n-natura taghha;*

*Il-fatt illi l-imputat kien qieghed jaghmel karita' mal-gar tieghu li huwa kronikament marid u fi bzonn ta' kura kostanti waqt li l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat qatt ma thallas ghas-servizzi tieghu hlief darba wahda fl-ammont ta' hames ewro (€5). Huwa veru li kien jaccetta pjaciri mill-marid Rosario Grech bhal xi hut jew trifle.*

*Minhabba dawn ir-ragunijiet, din l-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' hames (5) xhur li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi huwa ghamel taht arrest;*

*Finalment din l-Qorti, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tirrakomanda lill-Awtoritajiet kompetenti li jikkunsidraw [li] l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu.*

4. L-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali hu li l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 u mhux tal-Kapitolu 9 li jaghtiha d-diskrezzjoni li tinzel taht il-minimu tal-piena stabbilita ghar-reat li dwaru tkun instabet htija. Dan izda ma hu xejn hlief *lapsus calami* ta' ebda konsegwenza u ma hemm xejn aktar x'jinghad in rigward;

5. Fit-tieni aggravju tieghu, l-Avukat Generali josserva illi fil-kaz odjern ma kienx hemm dawk ir-ragunijiet msemmija fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 li jippermettu lill-Qorti tinzel taht il-minimu tal-piena erogabbli. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **21. Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 492, il-Qorti tista, ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7**.

6. Meta l-Ewwel Qorti rrikorriet ghad-disposizzjoni tal-artikolu 21, jidher li ghamlet dan minhabba li l-kaz kien wiehed pjetuz fejn persuna inqabdet tabbuza mill-posizzjoni taghha sabiex takkwista medicini b'xejn ghall-iskop uniku li tghin persuna marida b'tali mod li kellha taccedi l-Isptar madwar disa darbiet kull xahar. Il-pazjent beneficcjarju xehed illi l-appellat kien jikkurah darbtejn fix-xahar u li ma kienx ghalih, kien ilu li tilef siequ. Bis-sejbien ta' htija kontra tieghu, l-appellat kien soggett ghall-piena ta' prigunerija minn sentejn sa sitt snin. Jidher illi ghall-Ewwel Qorti l-minimu ta' sentejn prigunerija ma kienx jindirizza r-rejalta' tas-sitwazzjoni u ghalhekk irrikorriet ghall-artikolu 21. Fil-kominazzjoni tal-piena l-Ewwel Qorti kellha ssemmi bir-reqqa r-raguni**<u>jiet</u>** specjali **<u>u</u>** straordinarji ghaliex kienet qed taghti piena anqas minn dak ravvizat;

7. L-Avukat Generali hu tal-fehma li r-ragunijiet msemmija mill-Ewwel Qorti la huma specjali u wisq anqas straordinarji, oltre li s-sentenza titrasmetti l-messagg hazin lis-socjeta'. Fis-sottomissjonijiet tieghu l-Avukat Generali accenna ukoll ghall-gravita' tal-fatt illi l-appellat, ghad li ma kienx imputat b'hekk, seta' kien responsabbli ghall-hajja tal-persuna billi ppresta kura medika li ma kienx licenzjat biex jaghmel. Din il-Qorti taqbel illi r-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Qorti la huma specjali u anqas

straordinarji meta l-appellat seta', minflok jirrikorri ghat-tehid indebitu ta' dawn il-medicini u ghodod, jaghti l-ghajnuna tieghu sabiex il-pazjent minnu kkurat jakwista dak li kien legalment intitolat ghalih fl-iskemi ta' sahha f'dan il-pajjiz. Persuna titqies li tkun ghamlet karita bl-ghoti ta' hwejjigha u mhux billi ffacilitat t-tehid indebitu ta' proprjeta' ta' terzi, f'dan il-kaz tal-Gvern ta' Malta. Ghandu ragun ukoll l-Avukat Generali li jkun koncernat bil-messagg negattiv li r-ragunijiet ravvizati fis-sentenza appellata jistghu jitrasmettu;

8. Il-legislatur jipprovdi lattitudini, f'dan il-kaz wiesgha hafna, minn sentejn sa sitt snin prigunerija, sabiex il-Qorti tkun tista' teroga dik il-piena li l-aktar tixraq ghall-dak l-eghmil u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-artikolu 21, izda ma ghandux ikun applikat b'mod li jgib fix-xejn l-effetti ta' dik il-latitudini. Naturalment kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-merti tieghu, izda, l-Qrati taghna, anke f'sitwazzjoni fejn, per ezemplari, missier kkommetta delitt biex jiffinanzja kura ghall-marda terminali ta' ibnu, ma kienux akkoljenti fl-uzu tal-artikolu 21 biex tkun erogata piena taht il-minimu. Hija differenti s-sitwazzjoni fejn, wara s-sejbien ta' htija , c-cirkostanzi tal-hati jkunu inbiddlu b'mod illi karcerazzjoni tkun ser tissarraf f'dizastru ghalih jew ghal-familja minnu dipendenti. Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-Avukat Generali illi r-ragunijiet migjuba mill-Ewwel Qorti ma humiex specjali u anqas straordinarji meritevoli ta' applikazzjoni ta' piena anqas fit-termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 9;

9. Tosserva din il-Qorti, izda, illi minn ottika differenti l-kaz odjern huwa verament pjetuz ghal diversi ragunijiet. Jemergi mit-trattazzjoni tal-appell illi wara l-ghoti tas-sentenza mill-Qorti tal-ewwel grad, l-appellat, diversament assistit, kien talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni taghha bl-iskop li jinterponi appell minnha. Gara izda, illi ghal xi raguni l-appell tieghu qatt ma sar u meta rcieva l-avviz ghas-smiegh haseb illi dan kien l-appell tieghu meta fil-fatt kien dak interpost mill-Avukat Generali;

10. Jemergi ukoll illi l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellat f'kull imputazzjoni dedotta kontra tieghu meta dan qatt ma seta jkun. Dan ghaliex sejbien ta' htija ta' approprijazzjoni indebita teskludi sejbien ta' htija ta' serq tal-istess oggett u certament kien ikun mertu ta' konsiderazzjoni quddiem din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell. Ghalkemm dan issa ma jistghax ikun sindikat minn din il-Qorti, dan il-fatt qed ikun osservat ghar-raguni li ser issegwi;

11. Jemergi ukoll fuq l-istess binarju, illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellat hati tal-addebitu tar-recidiva fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Anke hawn,u anke jekk dan il-fatt sfugga sia lill-Avukat Generali kif ukoll lill-appellat, huwa qatt ma seta' kien misjub hati ta' l-addebitu kif ravvizat fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex huwa kien precedentement ikkundannat fis-26 ta' Marzu, 2007 u l-appellant kien imputat li kkometta r-reati odjerni f'Mejju tas-sena 2002. Fit-tielet aggravju tieghu, l-appellant jghid illi ir-reati *de quo* kienu kommessi fuq medda ta' erba' snin. Dan mkien ma jirrizulta mill-atti processwali u ghalhekk ghandu jitqies li dawn sehhew f'Mejju tas-sena 2012. Il-hames snin ravvizati fl-artikolu 50 ghalhekk kienu skorrew u sejbien ta' htija ta' dan l-addebitu igib mieghu zieda diskrezzjonali ta' grad fil-piena kif ukoll l-inibizzjoni tal-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

12. Fit-tielet aggravju tieghu l-Avukat Generali jargumenta illi anke li kieku din il-Qorti kellha tqis ir-ragunament tal-Ewwel Qorti bhala wiehed validu ghal-inzul taht il-minimu stabbilit mil-ligi, l-piena erogata xorta wahda hija ferm taht l-istess minimu u li jqis bhala wahda inezistenti. Dan l-aggravju mhux ser ikun konsiderat la darba din il-Qorti taqbel illi ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex l-Ewwel Qorti tirrikorri ghall-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali;

13. L-appell tal-Avukat Generali ghalhekk qed ikun akkolt u s-sentenza appellata qed tkun riformata b'dan illi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellat hati tal-

imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' hames xhur u tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) u la darba ma kellux jitqies recediv fit-terminu tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, it-terminu ta' sentejn (2) prigunerija appena mposta ma jiddekorrix hlief jekk il-hati jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

14. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.